# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-Knisja u s-soċjetà jirrispettaw l-għerf u l-esperjenza tal-anzjani.**

**Ninġabar:**

Insib post għall-kwiet u nagħżel pożizzjoni komda. Nikkonċentra fuq in-nifs… inħoss il-pulmun jimtela bl-arja u mbagħad jitbattal ftit ftit. Nagħraf il-preżenza tal-Mulej f'dan il-ħin u nitolbu biex ikun il-qofol ta' dawn il-mumenti.

**Fatt ċkejken:**

Minkejja l-età ta' 91 sena, Ċikku kien għadu jqatta' ġranet sħaħ fl-għalqa. Minkejja li kien indipendenti f'kollox, bintu Agnes kienet iġġagħlu jħossu qisu tifel ta' għaxar snin. Ma kienet tafdah f'xejn … la biex isajjar, la biex jaħsel ħwejġu, la biex imur sal-bank. Kienet tgħid li moħħu m'għadux li kien għax xjaħ. Ta' spiss kien jipprova jagħmel xi ħaġa minn wara daharha, iżda dlonk kienet tinduna bil-pjan.



Stephen, bin Agnes, kien l-għaxqa ta' Ċikku. Kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien, bin-nannu jirrakkonta u jfiehem is-sengħa tar-raba' lil neputih. Darba minnhom, Ċikku xtaq jurih oġġett li ħadd ma kien jaf bih. Hekk kif daħlu fil-kamra tas-sodda, in-nannu mar dritt għal fuq is-senduq u xħin fetħu, ħareġ pitazz antik.

Stephen għelbitu l-kurżità u ħatafhulu minn idejh. Mal-ewwel titwila seta' jinduna li kien fih ħafna riċetti… U malajr skopra li l-moħħ warajhom kien nannuh! Ċikku kien kok prim, li f'żgħożitu kien isajjar għal sinjur Spanjol u li waqt l-istess żmien kien tgħallem l-Ispanjol. Kelma ġġib lil oħra u Stephen skopra wkoll li n-nannu kien ukoll investa xi flus, u daqt kien se jeħodhom lura flimkien mal-interessi li nġabru.

Malli Stephen tarraf dan kollu lil ommu, ma riditx temmen. Marret għand missierha u għajtet tnejn miegħu għax qatt ma qalilha xejn. Missierha, kalm bħal dejjem, qallha: "Pruvajt nurik kemm naf insajjar imma inti bżajt li ninħaraq. Xtaqt neħodkom sa Spanja u nara fejn investejt flusi, imma għidtli li żmieni għadda biex insiefer. Pruvajt nurik li moħħi għadu tajjeb u kapaċi nfendi għal rasi imma inti m'emmintnix."

**Naħseb ftit:**

Taf b'xi anzjan/a li  għaddej/ja minn sitwazzjoni simili bħal Ċikku?

Int kif tħares lejn l-anzjani, speċjalment il-familjari tiegħek?

Kif tista' turi aktar rispett lill-anzjani fil-familja tiegħek?

**Nitlob:**

Mulej Ġesù, nitolbuk biex nagħrfu aktar x'teżor sabiħ għandna fl-anzjani. Dawwalna b'ideat ta' kif nistgħu nuruhom aktar rispett u nħeġġuhom ikomplu jikbru fl-għerf u l-esperjenza.

*Talba oħra spontanja jew fi grupp.*

**Kliem ta' dawl:**

L-età ma tikbirx waħedha. Magħha jikbru wkoll l-għerf tal-ħajja u l-esperjenza.

**X'nista' nagħmel:**

Agħżel lil xi ħadd anzjan li għallmek xi ħaġa siewja f'ħajtek. Agħmel kartolina ta' ringrazzjament u għatihielu.

Qatta' ftit ħin ma' xi ħadd anzjan, forsi anke toħorġu xi mkien għal xi passiġġata.